2 ta' Ottubru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà tar-Reġina *versus* Wenzu Portelli**

**Verdett — Xoljiment tal-Ġurija.**

*Il-każ meta l-ġurati ma jkunux jistgħu jaslu għal verdett legali ma hux kontemplat mill-liġi bħala wieħed li fih il-Qorti tista' xxolji l-ġurija.*

*Iżda, skond il-prattika kostanti tal-Qrati Tagħna, il-Qorti tista' wkoll, f'każ simili, tħoll il-ġurija skond id-diskrezzjoni tagħha, jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq.*

*Dina l-fakoltà l-Qorti teżerċitaha indipendentement minn kwalunkwe obbjezzjoni tal-partijiet.*

Il-Qorti — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8902;

Peress li l-ġurija daħlet biex tikkunsidra l-verdett tagħha fin-nofs siegħa (12.30 a.m.), u fis-2.30 p.m. in ċirka l-Prim Ġurat informa lill-Qorti li ma kienux kapaċi jaslu għal verdett legali skond l-art. 479 tal-Kodiċi Kriminali; u peress li l-Qorti

ordnat lill-Prim Ġurat jissottometti jekk il-ġurija kellhiex bżonn jew le ta' xi skjarimenti u spjegazzjonijiet, u l-istess Prim Ġurat irrisponda negativament, il-Qorti, skond il-prattika komuni, ordnat lill-ġurati jidħlu ġewwa sabiex jaraw jistgħux jiddeliberaw;

U peress illi l-Qorti, fit-3.10 p.m., reġgħet għajtet xi xhieda mitluba mill-istess ġurati għall-kjarifikazzjoni ta' xi fattijiet, u reġgħet bagħtet ġewwa lill-ġurija biex tiddeċidi u tiddelibera; u l-ġurija mill-ġdid, per mezz tal-Prim Ġurat, seduta stante nfurmat lill-Qorti li l-istess ġurati ma setgħux jaslu għal verdett legali;

Peress li l-każ in kwistjoni mhux kontemplat mill-liġi bħala wieħed mill-każi fejn il-ġurija tista' tiġi dixxjolta, iżda, skond il-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati, il-Qorti tista' f'dawn il-każi tħoll il-ġuri skond id-diskrezzjoni tagħha, jekk jidhrilha li hu hekk xieraq (ara "Reġina vs. Lorenzo Ellul", 29. VII. 1890; "Reġina vs. Maria Muscat", 14. VI. 1893; "Rex vs. Bernardo Vella e Francesco Cutajar", 19. XI. 1909; "Rex vs. Antonio Caruana", 14. VI. 1914; u "Rex vs. Samuel Cyril Green", 7. V. 1949);

U peress li l-Prim Ġurat informa lill-Qorti li ma hemmx prospett raġjonevoli li l-ġurati jaqblu fuq il-verdett, anki jekk jiġi lilhom mogħti żmien ulterjuri;

U peress li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża jaqblu li ma hemmx x'isir aktar ħlief li l-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha, kif l-istess sejra, indipendentement minn kwalunkwe u kwalsijasi obbjezzjoni tal-partijiet, tagħmel;

Għal dawn ir-raġunijiet ixxolji l-ġurija, u tordna li l-akkużat jiġi miġjub quddiem ġurija oħra biex jiġi ġudikat fil-jum li sejra tiffissa aktar tard.